# Sfidi ta’ Żminijietna fit-Talb

Frar 2025

Merħba! Il-Papa jistieden lill-bnedmin ta’ rieda tajba sabiex ningħaqdu flimkien u nitolbu **biex il-komunità ekkleżjali tilqa’ x-xewqat u d-dubji ta’ dawk iż-żgħażagħ li jħossuhom imsejħin jaqdu l-missjoni ta’ Kristu fis-Saċerdozju u fil-Ħajja Reliġjuża.**

**Ninġabar:**
Insib mument fil-kwiet biex nidħol fil-preżenza ta’ Alla. Irrodd ħajr lill-Mulej għal dawk in-nies li ddedikaw ħajjithom biex jimxu wara Ġesù u jaqdu fil-missjoni tiegħu.

**Fatt ċkejken:**



Ftit wara li għalaq għoxrin sena Joachim ma kienx jaf għandux jiżżewweġ jew isir Ġiżwita. Għal xi żmien beda jieħu r-relazzjoni li kellu ma’ tfajla b’aktar serjetà għax daħħalha f’moħħu li s-sejħa tiegħu kienet għaż-żwieġ. Iżda ma setax jgħid li kien fil-paċi. Ġara mbagħad li, bla ma kien jistenniha, beda jħoss faraġ fit-talb li qatt ma kellu qabel. Jiftakar meta kien imur il-knisja, joqgħod bilqiegħda quddiem l-altar tal-Qalb ta’ Ġesù u qalbu kienet tfur bil-ħlewwa tal-imħabba. Ftit taż-żmien wara induna li dan il-faraġ kien jinbet f’qalbu kull meta jieħu bis-serjetà l-ħsieb li jsir Ġiżwita. Anke meta kienet tonqoslu din ix-xewqa, iżda xorta waħda kien imur quddiem l-altar tal-Qalb ta’ Ġesù, beda jinnota li kien jerġa’ jingħatalu l-istess faraġ. Tul dan iż-żmien, fil-fond ta’ qalbu, kien jaf x’għażla kellu jagħmel, minħabba l-esperjenza ta’ dan il-faraġ spiritwali.

Meta talab biex jidħol Ġiżwita, tawh ftit xhur biex jagħmel dixxerniment ma’ Patri Spiritwali. Matul dawk ix-xhur, iddubita kemm-il darba jekk kenitx id-deċiżjoni t-tajba. Iżda kull darba li kien imur fis-skiet quddiem l-altar tal-Qalb ta’ Ġesù, qalbu kienet terġa’ ssib is-serħan. U hekk, baqgħet tikber fih il-konvinzjoni li Alla kien qed isejjaħlu biex jingħata totalment għal dan it-tip ta’ ħajja ta’ mħabba.

**Naħseb ftit:**
Nifhem li ħajti hija sejħa biex inħobb? Lest li nqawwi l-qalb u nkun viċin ta’ min jitħajjar iħobb f’ħajja kkonsagrata? Nitlob għall-vokazzjonijiet għas-Saċerdozju u għall-Ħajja Reliġjuża?

**Nitlob:**
Grazzi Mulej, tar-rigal tal-persuni kkonsagrati. Huma jagħtu xhieda kbira ta’ tama kemm għal dinja aktar umana, kif ukoll għall-Ħajja ta’ dejjem. Agħmel li jkollna aktar żgħażagħ bħal dawn, li jixtiequ jaqdu fil-missjoni ta’ Kristu bħala Saċerdoti jew fil-Ħajja Reliġjuża.

**Kliem ta’ dawl:**
Meta l-Mulej iqanqal vokazzjoni, huwa jara mhux dak li tkun imma anke dak li xi darba għad tkun, fil-kumpanija tiegħu u f’dik tal-oħrajn. *Christus Vivit, 289*

**X’nista’ nagħmel:**
Inħares lura lejn ħajti u niftakar f’xi persuni kkonsagrati li kellhom effett kbir fuqi. Nirringrazzja ‘l Alla tagħhom. U nitlob għall-grazzja biex illum ikollna vokazzjonijiet ġodda.